# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 592/2021 GM**

**Josephine Wadi (K.I. nru. 416885(M))**

**vs**

**[1] L-Avukat Ġenerali u**
**[2] L-Avukat tal-Istat *għal kull interess li jista' jkollu*.**

**Il-Qorti,**

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti tilmenta minn ksur tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li proċedimenti kriminali kontriha ma tmexxewx fi żmien raġonevoli.

Is-sustanza tal-eċċezzjonijiet tal-intimati hija li l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur; il-każ kien kumpless; ir-rikorrenti kkontribwiet għad-dewmien; l-awtorita` ġudizzjarja mexxiet is-seduti regolarment.

L-iter tal-proċedimenti jirriżultaw mill-verbali tal-proċessi nfushom, u għalhekk qajla jista' jkun hemm kontroversja dwaru. Fl-att promotur tagħha, r-rikorrenti għamlet rassenja akkurata tagħhom kif ġej:

Fit-18 ta' Jannar 2012, hija tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja flimkien ma' ħaddieħor u ġiet mixlija b'kompliċita` fi stupru, f'attentat vjolenti għall-pudur, u b'sekwestru ta' persuna.

Bħall m'ingħad l-ewwel udjenza nżammet fit-18 ta' Jannar 2012, fejn hemmhekk dehru l-imputati, u l-ispetturi. Dakinhar inqrat l-akkuża bil-ġurament u saru l-eżamijiet tal-imputati mingħajr ġurament[1].

Fil-31 ta' Jannar 2012, dehru l-akkużati però jidher li ma sar xejn u l-udjenza ġiet differita għall-provi kollha tal-prosekuzzjoni[2].

Fis-7 ta' Frar 2012, dehru l-akkużati, u nstemgħet ix-xhieda. L-atti tal-kumpilazzjoni ġew rinvijati lill-Avukat Ġenerali[3]. Dakinhar, il-

[1] Ibid, a fol 10
[2] Ibid, a fol. 16
[3] Ibid a fol. 18

Qorti ddikjarat illi *prima facie* kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imħarrkin jitqiegħdu taħt att t'akkuża[4].

Fid-29 ta' Frar 2012, in-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali, *inter alia*, talbet li jinstemgħu xi xhieda pajżana, kif ukoll xi membri tal-istaff tal-Għabex. Però fl-udjenza – fit-13 ta' Marzu 2021 – li kienet intiża għax-xhieda ta' dawn in-nies, xehdet biss l-ispettur[5].

Fid-29 ta' Marzu 2012, l-Avukat Ġenerali elenka l-istess xhieda, li ġew elenkati fin-nota tar-rinviju preċedentament, madanakollu, fis-seduta tal-24 t'April 2012, ma sar xejn, għaliex skont il-verbal kien sar ħafna ħin[6].

Għal darb'oħra, fl-24 ta' Mejju 2012, l-Avukat Ġenerali reġa' indikat l-istess lista ta' xhieda fin-nota tar-rinviju tiegħu. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2012 ma deher ħadd mill-prosekuzzjoni u għalhekk ma seta' isir xejn[7].

L-istess xhieda ġew ripetuti fin-nota tar-rinviju tas-27 ta' Ġunju 2012; fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2012, però, il-prosekuzzjoni ma dehritx, u l-Qorti dakinhar irriservat li tikkundanna lill-istess ħatja ta' disprezz[8].

Fin-nota tal-1 t'Awwissu 2012, l-Avukat Ġenerali, niżżel l-istess xhieda li kien ilhom jitniżżlu minn Frar 2012. Fl-udjenza tat-22

[4] Ibid a fol. 42
[5] Ibid a fol. 44, 45
[6] Ibid, a fol. 71, 72
[7] Ibid, a fol. 74, 75
[8] Ibid a fol. 77, 78

t'Awwissu 2012, il-prosekuzzjoni talbet differiment, u għalhekk dakinhar ma sar xejn[9].

L-istess ripetizzjoni ta' xhieda saret minn l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tad-19 ta' Settembru 2012. Minħabba theddida ta' bomba l-udjenza tat-2 t'Ottubru 2012, ġiet differita[10].

Reġa' ġie elenkat l-istess fin-nota tar-rinviju tat-23 t'Ottubru 2012, jidher però li r-rikorrenti Josephine Wadi ma kenitx notifikata bis-smigħ, u għalhekk is-seduta tat-13 t' Novembru 2012, ġiet aġġornata għal jum ieħor[11].

Jitniżżlu, *inter alia,* l-istess xhieda fin-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Diċembru 2012. Fl-udjenza tat-18 ta' Diċembru 2012 (minn Frar 2012) il-pulizija tellgħet xi xhieda li xehdu fil-qosor[12].

Fit-8 jum ta' Jannar 2013, l-Avukat Ġenerali reġa' elenka l-istess xhieda li kien ilhom jiġu ndikati sa min Frar 2012. Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2013, xehdu l-esperti mediċi[13].

Is-seduta tal-12 ta' Marzu 2013, ġiet differita fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija minħabba l-elezzjonijiet[14].

In-nota tal-25 ta' Frar 2013, hija simili għan-noti ta' qabilha[15].

[9] Ibid a fol. 81, 82
[10] Ibid a fol. 84, 85
[11] Ibid a fol. 87, 88
[12] Ibid a fol. 90, 91
[13] Ibid a fol. 110, 111
[14] Ibid a fol. 198

L-istess hija n-nota tal-Avukat Ġenerali datata 4 t'April 2013. Però l-udjenza ta' warajha ma nżammitx 'l għaliex l-Maġistrat sedenti kien jinsab indispost[16].

Fit-22 ta' Mejju 2013, ġew imnissla l-istess xhieda mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tiegħu - fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2013, xehdu xi nies[17].

In-nota tar-rinviju tar-4 ta' Lulju 2013, tindika nies simili, li kien ilhom jiġu elenkati minn Frar tal-2012. Fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2013, ma deher ħadd u għalhekk ma sar xejn[18].

Nhar it-13-il jum t'Awwissu 2013, jirriżulta li l-Avukat Ġenerali rrepeta l-istess nies fin-nota tiegħu. Fl-udjenza tal-20 t'Awwissu 2013, ma deher ħadd u s-seduta ġiet differita[19]. L-istess ġara fin-nota tat-18 ta' Settembru 2013, u fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2013[20].

Għal darb'oħra insibu l-istess ripetizzjonijiet fin-nota tad-29 t'Ottubru 2013, fejn fl-udjenza sussegwenti tal-20 ta' Novembru 2013 ma sar xejn[21]. Kważi l-istess storja terġa' tirrepeti ruħha:

---

15 Ibid a fol. 157
16 Ibid a fol. 161
17 Ibid a fol. 163, 164
18 Ibid a fol. 174, 175
19 Ibid a fol. 177-179
20 Ibid a fol. 181-183
21 Ibid a fol. 185, 186

- fin-nota tas-17 ta' Diċembru 2013 u fl-udjenza tat-2 ta' Jannar 2014[22];
- fin-nota tar-rinviju tal-21 ta' Jannar 2014 u fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2014[23];
- fin-nota tal-5 ta' Marzu 2014 u fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2014 (theddida ta' bomba)[24];
- fin-nota tar-rinviju tad-9 t'April 2014 u fl-udjenza tal-24 t'April 2014 (il-Qorti kienet impenjata)[25];
- fin-nota tat-13 ta' Mejju 2014 u fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2013 (ma deher ħadd)[26];
- fin-nota tas-17 ta' Ġunju 2014, u fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2014 (ma deher ħadd)[27];
- fin-nota tat-30 ta' Lulju 2014 u fis-seduta tal-21 t'Awwissu 2014 (il-Qorti kienet impenjata)[28];
- fin-nota tas-16 ta' Settembru 2014 u fis-seduta li kellha issir fl-24 ta' Settembru 2014 (Maġistrat imsiefer)[29];
- fin-nota tal-15 t'Ottubru 2014 u fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 (Maġistrat indispost)[30];
- fin-nota tas-27 ta' Novembru 2014 u fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2014 (Maġistrat indispost)[31];
- fin-nota tar-rinviju tad-9 ta' Jannar 2015 u fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 (ma deher ħadd)[32];

[22] Ibid a fol. 188,189
[23] Ibid a fol. 191, 192
[24] Ibid a fol. 194, 195
[25] Ibid a fol. 197, 198
[26] Ibid a fol. 200, 201
[27] Ibid a fol. 203, 204
[28] Ibid a fol. 206, 207
[29] Ibid a fol. 209, 210
[30] Ibid a fol. 212, 213
[31] Ibid a fol. 215, 216
[32] Ibid a fol. 218, 219

- fin-nota tar-rinviju tad-19 ta' Frar 2015 u fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 (ir-rikorrenti ma dehritx u ġie preżentat ċertifikat mediku)[33];
- fin-nota tar-rinviju tas-7 t'April 2015, u fl-udjenza tal-21 t'April 2015 (il-prosekuzzjoni ma dehritx)[34];
- fin-nota tat-12 ta' Mejju 2015, u fis-seduta li kellha tinstema' fis-26 ta' Mejju 2015 (Maġistrat indispost)[35];
- fin-nota tas-17 ta' Ġunju 2015, u fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2015 (ma deher ħadd)[36].

Wara ħmistax-il seduta (li fihom ma sar litteralment xejn), fl-udjenza tas-6 t'Awwissu 2015, hemm verbal imdaqqas. Fih hemm indikat li l-Qorti reġgħet ħatret lill-istess esperti mediċi (li kienu xehdu u rrelataw f'Jannar tal-2013) sabiex jieħdu xi kampjuni tad-DNA. Xehed ukoll l-ispettur. L-atti ġew rimessi lura lill-Avukat Ġenerali[37].

In-nota tar-rinviju tat-2 ta' Settembru 2015, taqra l-istess bħal ħafna ta' qabilha. L-udjenza tas-17 ta' Settembru 2015, ġiet differita minħabba li l-prosekuzzjoni ma dehritx[38].

L-istess kontenut jirriżulta fin-nota tad-19 t'Ottubru 2015. L-udjenza tas-27 t'Ottubru 2015 ġiet differita minħabba li x-xhieda ma dehrux (ma jirriżultax minn l-atti jekk dawn ġewx debitament notifikati jew le)[39].

33 Ibid a fol. 221, 222
34 Ibid a fol. 226, 227
35 Ibid a fol. 229, 230
36 Ibid a fol. 232, 233
37 Ibid a fol. 236
38 Ibid a fol. 242, 243
39 Ibid a fol. 245, 246

In-nota tal-20 ta' Novembru 2015, taqra l-istess bħal ta' qabilha. Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2015, ġie mniżżel illi x-xhieda (li kien ilhom jitniżżlu mill-2013) ma nstabux. Ġie ndikat ukoll li l-pulizija kellha tħarrek lit-tabiba li ħarġet iċ-ċertifikat mediku (liema tabiba/ċertifikat kien ilu jiġi elenkat fin-nota tar-rinviju tad-29 ta' Frar 2012)[40].

In-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Diċembru 2015, tirrepeti ruħha. Fis-seduta sussegwenti tat-13 ta' Jannar 2016 reġa' ma sar xejn[41].

L-istess nota ġiet kważi riprodotta, datata 9 ta' Frar 2016. Fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2016 ittieħdu kampjuni in awla, minn ħalq l-akkużati, u s-seduta ġiet differita[42].

Fin-nota tas-17 ta' Marzu 2016 reġgħet ġiet indikata bħala xhud ċertu Anna Buttigieg (illi kien ilha titniżżel min-nota tar-rinviju tad-29 ta' Marzu 2012[43]). L-Avukat Ġenerali reġa' talab li jressaq provi dwar ir-reċidiva tal-ko-imputat. Il-Qorti ddifferiet is-seduta għad-29 ta' Marzu 2016[44].

Fil-21 t'April 2016, l-Avukat Ġenerali rrepeta dak li kien diġà ġie elenkat fin-nota ta' qabel. Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2016, ix-xhud

---

[40] Ibid a fol. 248, 249 (*vide* 8)
[41] Ibid a fol. 251, 252
[42] Ibid a fol. 254, 255
[43] Vide 8
[44] Ibid a fol. 257, 258

Anna Buttigieg ġiet dikjarata li mhix rintraċċabbli. L-ispettur esebixxa kopja ta' sentenza[45].

Fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2016, xehdet l-espert mediku[46].

Fin-nota tar-rinviju tat-18 ta' Lulju 2016, l-Avukat Ġenerali elenka xhieda ġodda (fosthom pulizija) li qatt ma ssemmew qabel f'noti li kien ilhom jiġu ntavolati fuq medda ta' erbgħa snin. Fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2016 ma sar prattikament xejn[47].

Fl-udjenza tal-24 t'Awwissu 2016 ma deher ħadd u l-Qorti aġġornat is-seduta[48].

Fin-nota tal-15 ta' Settembru 2016, l-Avukat Ġenerali elenka lil ċertu Noel Calleja bħala xhud tiegħu. Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2016, Calleja ġie msejjaħ tliet darbiet u ma deherx (ma hemmx indikat jekk dan ġiex debitament notifikat) – il-Qorti għalhekk iddiferiet il-kawża[49].

Noel Calleja jerġa' jitniżżel bħala xhud fin-nota tar-rinviju tas-27 t'Ottubru 2016. Fuq ordni tal-Qorti s-seduta li kien imiss (tal-15 ta' Novembru 2016) ġiet differita[50]. L-istess ġara bin-nota tas-6 ta' Diċembru 2016 u s-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016 (ma deher

[45] Ibid a fol. 260, 261
[46] Ibid a fol. 270
[47] Ibid a fol. 282, 283
[48] Ibid a fol. 286
[49] Ibid a fol. 288, 289
[50] Ibid a fol. 291, 242

ħadd)[51], fin-nota tal-11 ta' Jannar 2017 u fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2017 (ix-xhud Calleja ma ġiex notifikat)[52].

Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2017, deher Calleja però għal xi raġuni dan ma xehedx, u l-Qorti awtorizzatu biex ma jidhirx għas-seduta li jmiss[53]. Però Calleja jerġa' jiġi elenkat fin-noti tar-rinviju li jmiss (datati 27 ta' Marzu 2017, 3 ta' Mejju 2017, 6 ta' Ġunju 2017 u tal-10 ta' Lulju 2017)[54].

B'ordni tal-Qorti s-seduta tas-7 t'April 2017 ġiet differita[55], kif ġew differiti wkoll l-udjenzi tas-16 ta' Mejju 2017, tat-22 ta' Ġunju 2017 (il-Qorti kienet tinsab maqbuda b'xogħol ieħor)[56].

Il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Lulju 2017 jaqra s-segwenti:

> "*Meta ssejhet il-kawża dehru l-imputati assistiti.*
>
> *Dr Noel Bianco deher għal Raouf.*
>
> *Deher Anthony Stellini li qed jassumi l-patroċinju ta' Wadi.*
>
> *Inqrat in-nota tar-rinviju.*
>
> ***Għal darb'ohra il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni fil-persuna ta' Sp Joseph Busuttil ma deherx għalkemm imsejjah diversi drabi****. Id-Difiża jitolbu li l-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa.*

[51] Ibid a fol. 294, 295
[52] Ibid a fol. 297, 298
[53] Ibid a fol. 301
[54] Ibid a fol. 303, 306, 309
[55] Ibid a fol. 304
[56] Ibid a fol. 307

***Billi l-Qorti taqbel, stante illi x-xhieda rikjesta qatt ma jirriżulta li tharrket biex jixhdu u dan jirriżulta sa mis-sena 2015, il-Qorti taqbel mat-talba tad-Difiża li tiddikjara, kif ser tagħmel, il-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa****...*[57]*".*

Għal xi raġuni però – minkejja l-ordni tal-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni – xorta waħda baqgħu jinħadmu n-noti tar-rinviju (datati 22 t'Awwissu 2017, u 4 t'Ottubru 2017), fejn baqa' jintalab li l-Qorti tisma' x-xhieda ta' Noel Calleja[58].

In-nota tad-deputat reġistratur, tas-7 ta' Settembru 2017, tindika li l-kawża kienet qiegħda tiġi differita għal jum ieħor, 'l għaliex il-każ kien għadu ma ġiex assenjat lill-Maġistrat ġdid[59]. L-istess hemm indikat fis-17 t'Ottubru 2017[60].

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017, (minkejja l-ordni tal-għeluq tal-provi tal-pulizija[61]) xehed Calleja[62].

Fin-nota tar-rinviju tat-12 ta' Diċembru 2017, reġa' ġie elenkat lista *ġdida* ta' xhieda. Fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2017, reġa' ma sar kważi xejn – il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-unika provi li kien fadlilha kienu kopja awtentika tad-dokumenti t'identifikazzjoni, kif ukoll xi staff ta' lukanda[63].

---

[57] Ibid a fol. 313
[58] Ibid a fol. 315, 318
[59] Ibid a fol. 316
[60] Ibid a fol. 319
[61] Vide 60
[62] Ibid a fol. 323
[63] Ibid a fol. 330

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2018, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda mezz biex tipproduċi d-dokumenti t'identifikazzjoni riferiti fl-aħħar seduta, u għalqet il-provi; dan wara medda ta' 'l fuq minn ħames snin (u wara li l-Qorti kienet ilha li ordnat l-għeluq tal-provi tal-istess minn Lulju tal-2017)[64].

Għal darb'oħra – minkejja l-għeluq tal-provi bid-dikjarar tal-pulizija stess – reġgħet inħadmet nota tar-rinviju, datata 19 ta' Frar 2018[65].

Fil-5 ta' Marzu 2018, il-pulizija reġgħet iddikjarat l-provi bħala magħluqa, u l-kawża ġiet differita[66].

B'rikors tad-9 t'April 2018, l-Avukat Ġenerali, talab estensjoni taż-żmien biex iħejji l-Att tal-Akkuża tal-imħarrkin[67].

Fid-9 t'April 2018, il-Qorti nnutat li hemm proroga, u ddiferixxiet l-kawża[68].

Fit-23 t'April 2018, l-Avukat Ġenerali ressaq nota tar-rinviju oħra fejn talab lill-Qorti *"tisma' u tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-pulizija jidhrilha xierqa li tressaq"*[69].

[64] Ibid a fol. 334
[65] Ibid a fol. 336
[66] Ibid a fol. 337
[67] Ibid a fol. 339
[68] Ibid a fol. 341
[69] Ibid a fol. 342

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2018, il-pulizija reġgħet iddikjarat (għat-tielet darba nfila) li hija m'għandiex aktar provi xi tressaq dwar il-każ[70].

Reġgħet saret nota ta' rinviju li ġġib il-15-il jum ta' Ġunju 2018, fejn l-Avukat Ġenerali talab li minħabba '*żviluppi riċenti'*, il-Qorti terġa' tisma' ix-xhieda ta' xi pulizija[71].

Fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2018, ma sar xejn 'l għaliex il-prosekuzzjoni naqset milli tinnotifika lill-imputati – il-pulizija kienet sprovista mir-riferti; u l-kawża ġiet differita[72].

Fil-11 ta' Lulju 2018, xehed spettur, filwaqt li l-kumplament tal-pulizija (li kienu mħarrkin) ma dehrux, u weħlu multa ta' EUR55[73].

L-udjenza tas-17 t'Awwissu 2018 (bi qbil bejn il-partijiet) ġiet differita[74].

Fis-26 ta' Settembru 2018, xehdu fil-qosor il-pulizija[75].

Fin-nota tar-rinviju tad-29 t'Ottubru 2018, reġgħet tniżżlet Anna Buttigieg[76]. Però din ma ġietx rintraċċata. Ir-rikorrenti ma dehritx,

70 Ibid a fol. 343
71 Ibid a fol. 345
72 Ibid a fol. 346
73 Ibid a fol. 347
74 Ibid a fol. 354
75 Ibid a fol. 357
76 Ibid a fol. 365

ġiet imwaħħla disprezz ta' EUR500, u nħareġ mandat t'arrest kontriha[77].

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, ma sar xejn[78].

Fil-21 ta' Jannar 2019, sar rikors minn l-Avukat Ġenerali biex jiġġedded iż-żmien sabiex iġib 'l quddiem l-Att tal-Akkuża[79].

Xehdet Anna Buttigieg, fit-18 ta' Diċembru 2018 u l-pulizija ddikjarat għal darb'oħra li m'għandiex aktar provi[80].

Fit-28 ta' Jannar 2019, il-Qorti nnutat li hemm proroga[81].

Reġgħet intalbet nota tar-rinviju oħra min-naħa tal-Avukat Ġenerali (dan minkejja li suppost il-provi, min-naħa tal-pulizija kien ilhom magħluqa żmien), fejn intalab lill-Qorti li tisma' kwalunkwe xhieda li tinġieb mill-pulizija[82].

Fit-18 ta' Frar 2019, ġie vverbalizzat dan:

> "*Il-prosekuzzjoni reġgħet tenniet li m'għandiex aktar provi. Il-Qorti tinnota li diġà saret tali dikjarazzjoni f'dan is-sens nhar it-18 ta' Diċembru 2018.*[83]"

[77] Ibid a fol. 366
[78] Ibid a fol. 367
[79] Ibid a fol. 377
[80] Ibid a fol. 373
[81] Ibid a fol. 378
[82] Ibid a fol. 379
[83] Ibid a fol. 380

Fl-20 ta’ Frar 2019, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att tal-akkuża (rif. 1/2019) fil-konfront tar-rikorrenti u l-ko-imputat[84].

**L-Iter tal-Att tal-Akkuża numru 1/2019**

L-ewwel seduta tat-28 ta’ Marzu 2019, ġiet differita għall-infomazzjoni ulterjuri jew eventwali trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari[85].

Fit-8 ta’ Mejju 2019 jidher li saret *trattazzjoni in pare* dwar xi eċċezzjonijiet preliminari[86].

Is-seduta tat-2 t’Ottubru 2019, ġiet differita għad-19 ta’ Novembru 2019[87].

L-udjenza tad-19 ta’ Novembru 2019, ġiet differita għat-trattazzjoni finali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari[88].

Is-seduta tat-3 ta’ Diċembru 2019, ġiet differita għas-sentenza li kellha tingħata fuq l-eċċezzjonijiet preliminari[89]. Fit-12 ta’ Diċembru 2019, il-Qorti tat is-sentenza[90].

Fid-19 ta’ Diċembru 2019, l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza li ngħatat fit-12 ta’ Diċembru 2019[91]. L-Appell ġie

[84] A fol. 1, mill-proċeduri tal-att tal-akkuża nru. 1/2019
[85] Ibid a fol. 14
[86] Ibid a fol. 27, 28
[87] Ibid a fol. 81
[88] Ibid a fol. 83
[89] Ibid a fol. 85
[90] Ibid a fol. 86
[91] Ibid a fol. 129

appuntat għas-smigħ għas-26 ta' Frar 2020[92]. L-appell ġie differit għas-27 ta' Mejju 2020[93].

B'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, l-appell ġie differit għas-7 t'Ottubru 2020[94]. Fis-27 ta' Jannar 2021, ingħatat s-sentenza tal-Appell, rigwardanti l-appell tal-Avukat Ġenerali[95].

Il-Qorti Kriminali appuntat il-kawża għas-smigħ għat-23 ta' Frar 2021, li ġiet differtita għat-2 ta' Marzu 2021[96], fejn minn hemmhekk skatta l-ġuri fil-konfront tal-imħarrkin li ġie appuntat għal-25 ta' Mejju 2021[97].

Il-ġuri **beda u spiċċa** fil-25 ta' Mejju 2021 – dakinhar il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda kif ukoll il-provi difiża; dakinhar, ukoll ingħatat is-sentenza **u r-rikorrenti, wara medda ta' disa' snin ġiet dikjarata meħlusa minn kull akkuża li kellha kontriha**[98].

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba mid-difiża tar-rikorrenti sabiex tikkoreġi l-piena li kien qiegħed jiċċita l-Avukat Ġenerali fl-att tal-akkuża. Din it-talba ntlaqgħet u saret id-debita korrezzjoni fejn l-għoxrin sena ħabs ġew sostitwiti b'massimu ta' tlettax-il sena.

[92] Ibid a fol. 155
[93] Ibid a fol. 158
[94] Ibid a fol. 159
[95] Ibid a fol. 163
[96] Ibid a fol. 176
[97] Ibid a fol. 179
[98] *Vide* a fol. 36 tas-Sentenza

- Total ta’ seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati: **tmienja u sittin seduta**
- Total ta’ seduti quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (eċċezzjonijiet preliminari): **ħmistax-il seduta**
- Il-ġuri: **seduta waħda**
- Seduti meħuda għall-provi tal-pulizija: **tmienja u sittin seduta**
- Seduti meħuda għall-provi difiża: **waħda**

Il-proċessi damu 9 snin, 4 xhur u 15-il ġurnata.

L-għan tal-jedd ta’ smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri penali hu li l-akkużat ma jibqax imdendel taħt kapi t’akkużi għal żmien indefenit.[99] Id-dewmien iħalli lill-akkużat għal żmien twil fi stat ta’ inċertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tiegħu u naturalment id-destin tiegħu. Proċeduri Kriminali fit-tul għandhom effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkużat. Id-dewmien ipoġġi fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja [100]

L-Istat huwa mgħobbi bl-obbligazzjoni pożittiva li jassikura li l-proċeduri penali jiġu konkljużi b’mod spedjenti.[101] Għalhekk irid jipprovdi effiċjenza ġudizzjarja.[102] M’hemm l-ebda terminu fiss biex jitqies jekk is-smigħ ikunx sar żmien raġonevoli, imma jiddependi fuq il-

[99] Wemhoff v. Germany (1968); Kart v. Turkey (2009).
[100] Ara H. vs France, Qorti, 24 ta’ Ottubru 1989.
[101] Boddaert v. Belgium (1992).
[102] Richard Anderson v. United Kingdom (201o).

kumplessita` tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita` ġudizzjarja.[103]

Ma kien hemm xejn kumpless f'dan il-każ.

Il-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali ipprovokaw għadd numeruż ta' differimenti li fihom ma sar xejn; kien hemm ripetizzjonijiet inutili ta' ċerti xhieda; ix-xhieda prodotta ġiet imtella' bil-qatra l-qatra; b'seduti li fihom sempliċiment jixhed xhud wieħed jew tnejn, per eżempju pulizija biex jikkonfermaw il-firma tagħhom fuq l-istatement. Diversi drabi ddikjaraw li għalqu l-provi u komplew iressqu iktar xhieda. Kien hemm diversi okkażjonijiet meta saħansitra ma deherx l-uffiċjal prosekutur. F'għadd ta' okkażjonijiet il-Qorti kienet indisposta, jew kellha xogħol ieħor, jew sempliċiment ordnat differiment bla ma tagħat raġuni.

M'hemmx dubju li min-naħa tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali l-kawża ma ġietx segwita u mmexxija bid-debita attenzjoni u speditezza; u b'naqra impenn u attenzjoni, u b'ko-ordinazzjoni aħjar bejn il-Pulizija Eżekuttiva u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-każ kellu jingħalaq mill-prosekuzzjoni fi ftit seduti. F'dan il-każ ġara dak li, sfortunatament, jiġri f'ħafna kumpilazzjonijiet, u cioe` li wara li l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali, il-Pulizija u l-uffiċjal prosekutur prattikament ma jieħdu ebda inizjattiva aktar biex iħeffu l-proċeduri u jibqgħu passivi mingħajr anqas biss l-iċken sforz ta' ko-ordinament mal-imsemmi Uffiċċju.

[103] Pelissier and Sassi v. France (1999).

L-imħarrka dejjem attendiet għas-seduti ħlief meta ma kinitx notifikata; darba ma dehritx għaliex kellha problema medika.

Dwar il-mod kif il-proċeduri kriminali ġew kondotti mill-Qorti, wiehed irid iqis il-kwantita` enormi ta' xogħol li jinstabu mgħaffġa bih il-Qrati tagħna, li jagħmilha hafna drabi diffiċli hafna kemm għall-ġudikant kif ukoll għall-impjegati tal-Qorti li jwettqu *case management* effettiv. Dan iżda ma jwassalx għal ġustifikazzjoni ta' dewmien irraġonevoli li kull akkuzat ma għandux ibagħti. Hemm bżonn li l-posizzjoni tiġi rimedjata biex kemm jista' jkun persuna akkużata ma ddumx tant żmien biex issir ġustizzja magħha. Ċertament hafna minn dan it-tort hu attribwibbli għall-Istat ta' Malta, li għandu l-obbligu li jipprovdi l-istrutturi legali u r-risorsi l-ohra kollha, inklużi riżorsi umani, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm dewmien.

Kif sewwa osserva l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell tiegħu, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li sofriet xi tip ta' dannu materjali. Għalkemm stqarret li l-impatt finanzjarju fuqha kien kbir, u li kellha diffikulta` biex issib xogħol, għax il-kelma ġriet li kienet akkużata bi stupru, ma ġabet l-ebda prova ta' din l-allegazzjoni – anke jekk ikollu jingħad li mhix sitwazzjoni inverosimili. Għalhekk m'hemm l-ebda prova ta' danni materjali.

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti hijiex intitolata li tiehu kumpens għad-danni morali mhux minhabba l-eżitu – il-liberazzjoni tiegħha – iżda minhabba d-dewmien tal-proċeduri. Ir-rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jkun kumpens finanzjarju, li, fil-każ tad-d-dannu morali, għandu

jirrifletti l-inċertezza, fuq perjodu ta' numru ta' snin, dwar l-eżitu tal-proċeduri kriminali mehuda fil-konfront tiegħu. Għalkemm ma jistax proprjament jingħad li nġabu provi fir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa probabbli li tali inċertezza kienet sors ta' ansjeta` kontinwa għar-rikorrent u l-familja tagħha.

Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' danni morali għandu jkun ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500). Din il-Qorti waslet għal din is-somma wara li hadet in konsiderazzjoni s-somma ta' €3,000 li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali f'każ simili[104], li kien ukoll każ penali, li fih l-akkużat ingħata l-ħelsien mill-arrest, u li dam 9 snin. Bid-differenza li l-akkużat wkoll ikkontribwixxa, anke jekk b'mod inqas mill-prosekuzzjoni, għad-dewmien.

Sewwa ġie eċċepit li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur; skont Art. 181B(2) tal-kodiċi ritwali huwa l-Avukat tal-Istat li f'dan il-każ jirrappreżentat lill-Istat.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Teħles lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ma' twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċiti fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati.

---

[104] Francis Said v. Avukat Ġenerali 12.02.2010 Qorti Kostituzzjonali.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li r-rikorrenti sofriet leżjoni tal-jeddijiet tagħha kif sanċiti fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimat Avukat tal-Istat.

4. Tilqa' in parte t-tielet talba billi tillikwida kumpens xieraq għad-danni morali mġarrba mir-rikorrenti fis-somma ta' €3,500.

5. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba billi tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens hekk likwidat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA